

— Ksur tal-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009, b'mod partikolari ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi, flimkien mal-Artikolu 41(3) tal-istess regolament, tar-Regola 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95<sup>(3)</sup> u tal-Artikolu 8(3)(a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 2869/95<sup>(4)</sup>, għaliex ir-rikorrenti seta' jkollha aspettattivi leġittimi li l-fatt li d-dritt tal-oppożizzjoni tħallas tard ġie rrimedjat permezz tal-ħlas fiż-żmien tat-taxxa addizzjonali.

- (<sup>1</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 216/96, tal-5 ta' Frar 1996, li jistipula r-regoli tal-proċedura tal-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Trade Marks u Disinj) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 17, Vol. 01, p. 221).
- (<sup>2</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).
- (<sup>3</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189-220).
- (<sup>4</sup>) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2869/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, dwar id-drittijiet pagabbli lill-Uffiċċju tal-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (it-Trademarks u d-Disinj) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 9, Vol. 1, p. 291-296).

#### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2009 — Leali vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-489/09)

(2010/C 37/60)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Leali SpA (Odolo, l-Italja) (rappreżentant: G. Belotti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrenti

— Prinċipalment:

tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 7492, tat-30 ta' Settembru 2009, fil-Każ COMP/37.956 — Vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit, adozzjoni mill-ġdid.

— Sussidjarjament:

tnaqqas l-ammont tal-multa.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-472/09, SP vs Il-Kummissjoni.

#### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2009 — Acciaierie e Ferriere Leali Luigi vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-490/09)

(2010/C 37/61)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

#### Partijiet

Rikorrenti: Acciaierie e Ferriere Leali Luigi SpA (Brescia, l-Italja) (rappreżentant: G. Belotti, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet tar-rikorrenti

— Prinċipalment:

tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, fil-Każ COMP/37.956 — Vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit, adozzjoni mill-ġdid.

— Sussidjarjament:

tannulla l-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni, sa fejn ir-rikorrenti ġiet ikkundannata tħallas is-somma ta' EUR 6,093 miljuni in *solidum* mal-kumpannija Leali S.p.A.

— B'mod iktar sussidjarju:

tnaqqas il-multa imposta.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-472/09, SP vs Il-Kummissjoni.